1 ta' April, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir. L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, B.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Farrugia *versus* Benedict Sacco

**Appalt — Stima ta' Perit — Ġudikat — "War Damage Commission" — Art. 1035 tal-Kodiċi Ċivili**

*Ma hemm xejn kontra l-liġi fi ftehim li bih wieħed jassumi li jagħmel xogħol bil-patt li jitħallas skond il-prezzjiet tal-Gvern u fuq l-istimi li jagħmel il-perit. Għaldaqstant ftehim simili ma jistax jiġi*

*revokat ħlief bil-kunsens taż-żewġ kontraenti, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi; u l-istima li jagħmel il-perit hija vinkolanti, ħlief fil-każ ta' żball manifest, jew ta' qerq, jew komunkwe ta' leżjoni ossija inġustizzja jew inikwità manifesta.*

*Imma jekk bejn il-partijiet kien hemm ġa ġudikat fis-sens li l-ftehim kien divers, jiġifieri kien li l-ħlas kellu jsir bil-flus li toħroġ il-War Damage Commission, allura ma jistax jiġi nvokat ftehim divers minn dak rikonoxxut bil-ġudikat; u min għamel ix-xogħol ma għandux dritt jitlob il-ħlas fuq l-istima tal-perit, imma għandu dritt biss għal dak li toħroġ dik il-Kummissjoni.*

*Jekk imbagħad, in segwitu għal dak il-ġudikat, isir ftehim ġdid bejn il-partijiet fis-sens li għandu jiġi kunsidrat bħala skadut f'ċerta data t-terminu li jkun jissospendi d-dritt ta' l-appaltatur li jeżiġi l-ħlas, u li ma' l-iskadenza ta' dak it-terminu huwa jista' jeżiġi l-ħlas, dan il-ftehim ġdid ineħħi l-element stabbilit mill-partijiet subiex jiġi fissat l-ammont dovut, ċjoè l-ammont li tħallas il-War Damage Commission, u tiġi kreata sitwazzjoni fejn l-appaltatur jista' jitlob il-ħlas, għax għadda ż-żmien mingħajr ma l-Kummissjoni ħarġet l-ammont, iżda l-ammont ma jkunx ġie preventivament stabbilit, u lanqas jista' aktar jiġi stabbilit bl-element ta' aċċertament li kien hemm miftiehem qabel, ċjoè li l-ammont ikun jikkorrispondi għall-ammont li tagħti l-Kummissjoni; u allura, f'dawn il-kontinġenzi, l-uniku mod ta' aċċertament tal-"quantum" huwa r-rikors għal perizja ġudizzjarja.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur, wara li tiġi premessa kull dikjarazzjoni neċessarja, u mogħti kull provvediment li jkun hemm bżonn, talab li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur is-somma ta' £128.11.0 għax-xogħol ta' injam magħmul fil-fondi tal-konvenut Ħal Kirkop, Triq San Leonardu, numri 28/31, skond l-annessa stima tal-perit Alberto Vassallo minnu mqabbad, u li kienu danneġġjati bil-gwerra, u £6 oħra għal xogħol barrani magħmul f'gabinett ta' l-istess fondi; b'kollox £134.11.0; bl-imgħaxijiet legali mid-19 ta' Awissu, 1952, data ta' l-interpellazzjoni uffiċjali, sal-ħlas. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali fuq indikata;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti ta' l-14 ta' Jannar, 1955, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur limitatament għas-somma ta' £127.17.8, bl-imgħax legali mit-18 ta' Mejju, 1953; bl-ispejjeż għall-konvenut, barra dawk ġa deċiżi, u barra dawk ta' l-ittra uffiċjali tad-19 ta' Awissu, 1952, li jibqgħu għall-attur; billi kkunsidrat;

Illi, biex isostni l-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut talab li jiġi nominat perit tekniku;

Illi, f'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva illi l-konvenut ma jindikax f'hix tikkonsisti l-eżaġerazzjoni tal-kont preżentat mill-attur (fol. 25), u f'dan l-atteġġjament hu ppersista nonostanti l-ordni lilu mogħti skond il-verbal tat-8 ta' Ottubru, 1953. Mhux kontestat li dak il-kont ġie preżentat lill-I. Ċ. A. Alberto Vassallo, bħala perit inkarigat mill-konvenut stess, u dana, wara li vverifikah fuq il-post u naqqas minnu dak li ma kienx ħsara tal-gwerra, irrediġa l-kont eżibit fil-fol. 4 tal-proċess, li fuqu l-attur qiegħed jibbaża l-kawża odjerna. Mhux ta' min jinjora ċ-ċirkustanza deposta mill-attur fil-kawża l-oħra, illi l-ftehim mal-konvenut kien li kellu jitħallas skond il-prezzijiet tal-Gvern u fuq l-istima li jagħmlu l-periti; u din l-istima hija preċiżament dik magħmula mill-perit tal-konvenut, fol. 4 tal-proċess;

Illi f'dan il-ftehim ma hemm xejn kontra l-liġi; u għalhekk ma jistax jiġi revokat ħlief bil-kunsens taż-żewġ kontraenti, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi (art. 1035 Kodiċi Ċivili). Għalhekk l-istima fuq imsemmija hija obligatorja għaż-żewġ partijiet, salv li jiġi pruvat li dina hija l-effett ta' qerq jew ta' żball sostanzjali gravi, li jġibu għall-inikwità manifesta fil-prezzijiet stabbiliti f'dik l-istima (ara Kollez. VII, 573, u XXXI-I-55) — ħaġa din li ma tirriżultax, u li lanqas il-konvenut ma wasal biex jipprova;

Illi, konsegwentement, l-istima riżultanti mid-dokument fol. 4 tivvinkola lill-kontendenti, u l-konvenut ma jistax jippretendi li tiġi riveduta u kontrollata minn perit ieħor, sija pure nominat mill-Qorti;

*Omissis;*

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut, fol. 39, li biha dan *talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi modifikata* (sic — recte riformata), fis-sens illi (1) ......; (2) tiġi revokata fejn ikkundannat lill-appellant iħallas is-somma ta' £127.17.8...... u *fejn qalet* illi l-istima tal-perit Vassallo tivvinkola lill-partijiet; u (3) konsegwentement jiġi deċiż ......;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi hu evidenti li jkun aħjar li tiġi nvestita qabel xejn, il-kwistjoni prinċipali dwar jekk l-appellant huwiex vinkolat bil-kont *redatt* mill-Arkitett u Inġinier Ċivili Albert Vassallo, li qiegħed fil-fol. 4 ta' dan l-inkartament, peress li s-soluzzjoni tal-punti l-oħra *imsemmijin* fil-petizzjoni ta' l-appell tkun aktar aġevoli wara li tiġi riżoluta l-kwistjoni assorbenti;

Issa, kieku l-każ kien li l-attur u l-konvenut ftehmu li għandhom *joqogħdu fuq l-istima* tax-xogħol (u meta jingħad "xogħol" vwoldiri dak li hemm fil-kont fol. 4, minbarra x-xogħol extra tal-partita ta' £6, li mhijiex kontestata), kif *din l-istima* ssir mill-Inġinier Vassallo, allura kien ikun applikabili l-prinċipju li kull min jiftiehem b'dan il-mod ikun obligat li joqgħod *għall-stima*, ħlief fil-każ ta' żball manifest, jew ta' qerq, jew kommunkwe ta' leżjoni, ossija inġustizzja, ossija inikwità manifesta — prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza *nostrali* minn żmien antik, u dottrinalment paċifiku;

Iżda l-każ odjern ma kienx xejn affattu hekk;

Il-konvenut kien inkarika lill-attur biex jagħmillu t-tiswijiet ta' l-injam f'dar danneġġjata bil-gwerra. Kif jidher mill-attijiet tal-kawża fl-istess ismijiet deċiża mill-Prim'Awla Ċivili fit-8 ta' *Jannar, 1953*, li għaliha l-kontendenti għamlu riferenza, u partikolarment mis-sentenza, l-appellant odjern, għad-domanda tal-pagament ta' dan l-istess kont, li kien allura għamel fiċ-ċitazzjoni l-attur, kien oppona l-eċċezzjoni ta' l-intempestività, għax il-konvenut kien isostni li l-patt kien li l-attur kellu jmur mal-*konvenut* fl-uffiċċju tal-War Damage Commission, u l-flus li jirċievi l-konvenut jeħodhom l-attur. L-attur, invece, sostna f'dik il-kawża li l-patt kien li hu kellu

*jithallas skond* il-prezzijiet tal-Gvern u fuq l-istima tal-perit. Il-Qorti (kostitwita simbilment kif meta ddeċediet il-kawża odjerna) *irriteniet aktar attendibili* l-versjoni tal-konvenut, laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-intempestività opposta mill-konvenut (l-appellant odjern), u lliberat lil dan "ab observantia"; bl-*ispejjeż*. *Kontra din* is-sentenza l-attur ma għamelx appell. Hu ċar li din s-sentenza tifforma ġudikat għall-kontendenti għal dak li ddeċediet;

*Il-lum l-attur ma jistax* aktar *jippretendi li* l-*ftehim* kien kif qal hu; għax is-sentenza in kommento laqgħet l-eċċezzjoni ta' l-intempestività appuntu għax *akkolijiet* it-teżi tal-konvenut fis-sens li l-attur kellu jieħu dak li tagħti l-War Damage Commission. Ebda eċċezzjoni inkompatibili mal-ġu*dikat ma hija ammissibili* (P.A. "*Farrugia* vs. *Dr.* Caruana Mamo", 20 ta' Ottubru, 1934). Hu veru li l-konvenut kellu l-perit Vassallo biex dan jieħu ħsieb *ir-regolament t*ar-rapporti tal-konvenut mal-War Damage Commission, u hu veru li fil-preparazzjoni ta' l-iskeda għall-ħlas tal-ħsara tal-gwerra dak *il-perit, fost partiti oħra, ikkunsidra* wkoll il-kont ta' l-attur; imma altru jingħad li dan il-perit, sabiex il-konvenut jista' jitħallas tal-ħsara tal-gwerra, ġie inkarigat *mill-konvenut* biex ilestilu l-iskedi tal-kontijiet relativi, fosthom ta' l-attur, u altru jingħad li l-ftehim kien li l-attur kellu jitħallas skond l-istima *tal-perit Vassallo, bil-konsegwenzi* ġuridiċi relativi. L-inkariku tal-perit Vassallo kien rapport vis-a-vis il-War Damage Commission, u ma kienx rapport tali li *joħloq* obligi bejn il-kontendenti. L-attur, skond il-ftehim rikonoxxut bis-sentenza li tifforma ġudikat bejn il-partijiet, kellu jitħallas billi *jieħu dak li tagħti* l-War Damage Commission. Hu risaput li din il-Commission tista' tagħti dak li jintalab fl-iskeda, imma tista' anki tagħti somma *anqas minn dik mitluba*; *il-ftehim* kien, mhux li l-attur kellu *d-dritt jieħu* dak li għamel fl-istima l-perit Vassallo, imma li hu kellu jistenna sakemm isir *il-ħlas mill-War Damage* Commission, u jieħu, mhux neċessarjament dak li jagħmel il-perit Vassallo, imma dak li tagħti l-Commission;

*In segwitu għal dik* is-*sentenza*, *l-partijiet ftehmu* li jikkunsidraw bħala skadut fl-aħħar ta' April, 1953, it-terminu

li kien qiegħed jissospendi d-dritt ta' l-attur li jeżiġi l-ħlas (ara para. 2 dikjarazzjoni ta' l-attur fol. 3). X'kienet il-konsegwenza ta' dan il-ftehim fuq l-istat ta' fatt u ġuridiku kif kien jeżisti qabel dan il-ftehim ġdid? Ġa ladarba l-ftehim ta' qabel kien (kif superjorment spjegat) li l-attur kellu jieħu dak li tagħti l-War Damage Commission, hu ovvju li bil-ftehim il-ġdid dak l-element, stabbilit mill-partijiet sabiex jiġi fissat *l-ammont dovut* (ċjoè l-ammont li tħallas il-*War Damage Commission*), ġie mneħħi, għax appuntu l-attur ġie fakoltizzat jaġixxi wara l-aħħar ta' April, 1953, fl-ipotesi li sa dak inhar il-Commission ma tkunx ħallset. Bħala konsegwenza, ġiet kreata s-sitwazzjoni li l-attur seta' jitlob il-ħlas wara dik id-data, iżda l-ammont la kien ġie preventivament stabbilit mill-partijiet, u l-anqas seta' issa jiġi aktar stabbilit bl-element ta' aċċertament li kien hemm miftiehem qabel, ċjoè li l-ammont ikun jikkorrispondi għall-ammont li tagħti l-Commission. F'dawn il-kontinġenzi, hi korretta t-teżi ta' l-appellant li l-uniku mod ta' aċċertament tal-"quantum" hu r-rikors għal perizja ġudizzjarja;

Kif ingħad, hu konvenjenti li l-punti l-oħra ta' l-appell jiġu deċiżi wara li jiġi stabbilit bil-perizja l-ammont dovut;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi, għal issa;

Billi, prevja riforma f'sens analogu tas-sentenza appellata, tinnomina bil-fakoltajiet soliti, kompriża dik li jisma' xhieda u jagħtihom il-ġurament, bħala perit ġudizzjarju l-Arkitett u Inġinier Ċivili Professur John L. Gatt, O.B.E., biex jillikwida l-ammont dovut;

Spejjeż riżervati għad-deċiżjoni finali;

Il-kawża tibqa' għal 25 ta' April, 1955, għall-preżentata tar-rapport tal-perit u l-kontinwazzjoni.